MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 931/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833).**

**vs**

**Michael u Maria Rita mizzewgin Mifsud (I. D. 737249(M) u 291459(M)).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti datat 25 ta' Settembru 2009 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-
Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-erba' kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon datati fit-8 ta' Awwissu 1997 (Dok "A", "B", "C" u "D"), is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Michael u Maria Rita mizzewgin Mifsud;

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta’ Michael u Maria Rita mizzewgin Mifsud fis-somma ta’ tliet mija u erbgha u tmenin elf, seba’ mija u disgha u ghoxrin ewro u sitta u disghin centezmu (€384,729.96) bilanc ghad-debitu fil-*Loan* u l-*Overdraft Accounts*” ta’ Michael u Maria Rita mizzewgin Mifsud mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “E 1” sa “E 3”, “F 1” sa “F 6”, “G 1” sa “G 7”, “H 1” sa “H 3”, “I 1” sa “I 13”, “J 1” sa “J 4” flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta’ Awwissu 2009 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokumenti “A”, “B”, “C” u “D”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Michael u Maria Rita mizzewgin Mifsud naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntatti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkustanzi tal-istess Michael u Maria Rita mizzewgin Mifsud li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata fl-14 ta’ Frar 2009 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “K”, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esbiti bhala Dokumenti “A”, “B”, “C” u “D”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Michael u Maria Rita mizzewgin Mifsud, (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Michael u Maria

Rita mizzewgin Mifsud li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lil Michael u Maria Rita mizzewgin Mifsud ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u erbgha u tmenin elf, seba' mija u disgha u ghoxrin ewro u sitta u disghin centezmu (€384,729.96) bilanc ghad-debitu fil-*Loan* u l-*Overdraft Accounts*" ta' Michael u Maria Rita mizzewgin Mifsud mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "E 1" sa "E 3", "F 1" sa "F 6", "G 1" sa "G 7", "H 1" sa "H 3", "I 1" sa "I 13", "J 1" sa "J 4" flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta' Awwissu 2009 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata fl-4 ta' Frar 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment u li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u nota tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimati, u l-konvenuta Maria Rita Mifsud ammettiet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti b' nota ta' ammissjoni datata 26 ta' Novembru 2009 (fol.60) fil-waqt li l-intimat Michael Mifsud naqas li jipprezenta risposta guramentata u ma deherx ghall-kawza u baqa' kontumaci.

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` rikorrenti u semghet dik ta' Joe Borg Cardona fis-seduta tal- 11 ta' Frar 2010.

Semghet l-Avukat tas-socjeta` rikorrenti.

Ezaminat l-atti tar-rikors.

Billi il-provi mhux kontradetti u huma ammessi mill-intimata Maria Rita Mifsud it-tabiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fuq ammessjoni tal-konvenuta Maria Rita Mifsud u fil-kontumacja tal-intimat Michael Mifsud tiddeciedi billi tilqa'

t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------